# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 7**

**Rikors numru 611/22/1 JVC**

**Lorenza *sive* Lora Cascun *neé* Zammit**

**v.**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar it-3 ta' Ottubru, 2023, li biha laqgħet it-talbiet tal-attriċi sabiex isimha fuq l-att tat-twelid tagħha jinbidel minn «*Lorenza*» għal «*Lora*».

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-12 ta' Lulju, 2022, l-attriċi fissret li hija twieldet fit-12 ta' Mejju, 1952. Tgħid li għalkemm isimha fuq l-att tat-twelid tagħha ġie mniżżel bħala «*Lorenza»,* madankollu sa minn ċkunitha hija kienet magħrufa bl-isem ta' «*Lora»* minn qrabatha u minn ħbiebha. Tisħaq li l-isem ta' «*Lora»* jinsab rifless f'għadd ta' dokumenti indirizzati lilha, kemm fil-ħajja privata, kif ukoll fil-ħajja professjonali tagħha.

3. Peress li l-attriċi tħoss li l-isem ta' «*Lorenza»* ma jirrelatax magħha għaliex hija minn dejjem kienet magħrufa bħala «*Lora»*, u peress li hija tallega li dan l-istat ta' fatt qiegħed joħolqilha inkonvenjent u preġudizzju, hija fetħet din il-kawża taħt l-**Artikolu 253(1) tal-Kodiċi Ċivili** u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistentement magħrufa hija "Lora" u mhux "Lorenza";*
>
> *2. Tordna l-korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid, anness u mmarkat bħala Dok A minnu maħruġ, bin-numru 4761/1952, fis-sens li fil-kolonna intestata «Isem u kunjom il-wild» jitneħħa «Lorenza» u minflok jitniżżel «Lora»;*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat.»*

4. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku wieġeb għal din il-kawża fil-25 ta' Ottubru, 2022, u qal hekk:

> *«1. Illi jibda billi jingħad li l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili diġà kellha l-okkażjoni li tisma' l-mertu li issa qed jinġieb għall-attenzjoni ta' din l-*

*Onorabbli Qorti permezz tar-rikors odjern u li tiddeċiedi dwaru. In effetti, permezz ta' digriet datat 25 ta' Marzu 2021, innumerat 258/2021, l-imsemmija Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex issir korrezzjoni fuq l-Att tat-Twelid tagħha u minflok l-isem "Lorenza" jitniżżel l-isem "Lora". Minn dan id-digriet ma sar ebda appell ai termini tal-Artikolu 257(6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk tali deċiżjoni issa tikkostitwixxi res judicata;*

*2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;*

*3. Illi strettament mingħajr preġudizzju għall-premess, jingħad illi skont l-att tat-twelid tar-rikorrenti nnumerat 4761/1952, vera kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP1, ir-rikorrenti twieldet f'Malta fit-12 ta' Mejju 1952. Skont l-istess att tat-twelid, fil-kolonna intestata "Ismijiet mogħtija" hemm indikati l-ismijiet "Lorenza Concetta, Maria-Goretti", filwaqt illi fil-kolonna intestata "Isem jew Ismijiet kif għandha tissejjaħ" hemm indikat l-isem "Lorenza", u dan ġie ddikjarat minn Joseph Zammit, missier ir-rikorrenti, meta għamel in-notifika tat-twelid. Isegwi għalhekk illi ma sar ebda żball mill-esponent meta ġie rreġistrat l-att tat-twelid tar-rikorrenti;*

*4. Illi r-rikorrenti tispjega li minkejja li fuq l-att tat-twelid tagħha hemm miktub l-isem "Lorenza", fil-fatt hija minn dejjem kienet imsejħa "Lora", tant li llum tħoss li l-isem "Lorenza" ma jappartjenix lilha. Sabiex issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha, ir-rikorrenti ppreżentat diversi dokumenti li jindikaw isimha bħala "Lora";*

*5. Illi f'dan ir-rigward, l-esponent jirrileva illi Lora m'huwa xejn għajr verżjoni mqassra tal-isem Lorenza, tant illi huwa magħmul mill-ewwel tliet ittri, "Lor", u mill-aħħar ittra, "a", tal-istess isem. Isegwi għalhekk li t-tibdil li qed jintalab mir-rikorrenti neċessarjament jinkwadra taħt l-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn il-proviso jgħid testwalment illi "t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv";*

*6. Illi l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, fid-digriet fuq imsemmi, kienet ċara u qalet li "l-isem LORA huwa biss mod imqassar jew abbrevjat kif jista' jintuża l-isem Lorenza." Kif diġà ntqal, dik id-deċiżjoni għaddiet in ġudikat fl-assenza ta' appell. L-esponent ma jarax li huwa xieraq li r-rikorrenti llum qed terġa' tipprova tikseb sentenza oħra fuq l-istess mertu, u li sabiex tagħmel dan qiegħda saħansitra tipprova tiżgwida lill-Qorti. Dan qed jingħad għaliex fis-sentenza minnha ċitata fl-ismijiet "Anthony sive Tonio Depasquale vs DRP"(612/13JA) deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Diċembru 2018, il-Qorti qieset li l-isem "Tonio" mhux verżjoni mqassra tal-isem "Anthony, imma huwa verżjoni mqassra tal-isem "Antonio", u għalhekk kwalunkwe somiljanza li jista' jkun hemm*

*bejn il-każ ċitat mir-rikorrenti u l-każ odjern tista' biss tintuża kontra t-talbiet imressqin mill-istess rikorrenti;*

*7. Illi fiċ-ċirkostanzi, l-esponenti qiegħed joġġezzjona għat-talbiet attriċi stante illi l-bidla mitluba tmur kontra dak li jistipola l-proviso sopraċitat tal-Liġi tagħna, billi effettivament tikkonsisti f'isem, ossia Lora, li m'huwa xejn għajr verżjoni mqassra tal-isem Lorenza, li huwa l-isem li kien mogħti lir-rikorrenti mill-ġenituri tagħha;*

*8. Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottemetti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2023, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u laqgħet it-talbiet kollha tal-attriċi, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

*«Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni esibita mill-istess rikorrent fosthom l-affidavit tagħha stess a fol. 5 et seq tal-proċess fejn fih tispjega li għalkemm mal-magħmudija, fuq insistenza tal-arċipriet, hija ngħatat l-isem ta' Lorenza, il-ġenituri tagħha u l-familjari tagħha qatt ma sejħulha b'dak l-isem iżda dejjem sejħulha bl-isem ta' Lora. Iżżid li saret taf darba mill-Arċipriet waqt it-Tberik li kien jisimha Lorenza u mhux Lora. Flimkien mal-affidavit preżentat ukoll diversa dokumentazzjoni maħruġa tul ħajjitha li tirreferi għar-rikorrenti bħala Lora u mhux Lorenza.*

*Tgħid li kien reċenti li fil-karti ta' identifikazzjoni tagħha beda jitniżżel l-isem Lorenza jew Lorenza sive Lora anki meta kienet rikoverata l-isptar u dan qed jikreala konfużjoni u jġibha f'sitwazzjoni surreali għaliex il-ħbieb u l-familja tagħha ħadd ma jafha bl-isem ta' Lorenza. Iżżid li hija assolutament ma tidentifikax mal-isem Lorenza. Tispiċċa l-affidavit tagħha kif isegwi:*

> *«L-isem Lora huwa parti integrali mill-identità tiegħi. Kif semmejt qabel, l-isem Lorenza qatt ma kien intenzjonat tant li l-ġenituri li tawni l-isem dejjem sejħuli Lora u fil-fatt riċerka fuq l-isem turi li l-isem Lora jista' jkun ġej minn isem ieħor (Doc S) u l-ismijiet fil-qosor għall-isem Lorenza ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' Lora (Doc T).»*

*Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-affidavit tar-rikorrenti li turi li tul ħajjitha r-rikorrenti kemm fis-snin ta' edukazzjoni tagħha sal-livell tal-Università u wkoll fuq ix-xogħol dejjem kienet tiġi indirizzata bl-isem*

*ta' Lora.*

*Rat id-dokumentazzjoni esibita a fol. 26 u 27 li tikkonsisti f'riċerka minn fuq l-internet fuq l-isem Lora u minn dawn ir-riċerki jirriżulta li l-isem Lora għandu oriġini kemm bħala isem waħdu kif ukoll bħala varjant ta' diversi ismijiet oħra li m'humiex Lorenza.*

*Rat li r-rikorrenti xehdet ukoll quddiem din il-Qorti nhar il-21 ta' Frar, 2023 a fol. 77 et seq tal-proċess. F'din ix-xhieda tispjega kif anki ma' istituzzjonijiet finanzjarji qed ikollha problemi sabiex jintuża fil-konfront tagħha l-isem ta' Lora tant li spiċċat tirrifjuta li joħroġ 'cheque book' f'isimha jekk dan ikun juri l-isem ta' Lorenza. Tixhed ukoll li meta jintalbu d-dettalji tagħha hija dejjem tagħti l-isem ta' Lora u mhux Lorenza. Tispjega wkoll li l-problema bejn iż-żewġ ismijiet bdiet aktar tesperjenzaha minn meta l-proċeduri saru diġitali. Tiċħad li l-isem Lora huwa verżjoni mqassra tal-isem Lorenza. Tinsisti li kien l-arcipriet li niżżel l-isem Lorenza għar-raġuni li hu kien jismu Lawrenz u minħabba l-qaddis San Lawrenz u mhux għaliex riedu l-ġenituri tagħha. Tkompli li kemm il-ġenituri tagħha kif ukoll nanniet u zijiet dejjem sejħulha Lora.*

*Rat iċ-ċertifikat tat-twelid oriġinali a fol. 35 tal-proċess esibit mill-intimat mar-risposta tiegħu u tirrikonoxxi li taħt il-kolonna 'Name or names by which child is to be called' hemm indikat l-isem'Lorenza'.*

*Rat il-kopja tad-deċizjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili datata 25 ta' Marzu, 2021 fejn ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrenti għaliex dik il-qorti qieset li l-isem Lora huwa biss verżjoni mqassra tal-isem Lorenza. Rat ukoll il-kopja tal-proċess tal-istess deċiżjoni li ġiet esibita a fol. 55 et seq tal-proċess.*

*Rat li f'dik id-deċiżjoni ma ngħatat l-ebda motivazjoni oħra għad-deċiżjoni għajr ir-referenza li saret għall-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u bl-ebda mod ma saret xi referenza għall-provi dokumentarji li ressqet ir-rikorrenti daqslikieku dawn ma ġewx esibiti. In oltre ma jirriżultax mill-proċess li r-rikorrenti ngħatat l-opportunità li tixhed jew tirribatti għar-risposta tad-Direttur tant illi d-deċizjoni ħarġet jumejn wara li ġiet intavolata r-risposta. Għalhekk il-Qorti tqis li anki kieku r-rikorrenti appellat dik id-deċiżjoni, fid-dawl li fi stadju ta' appell ma setgħetx tressaq provi ulterjuri ftit li xejn din il-Qorti tista' tqis l-appell minn dik id-deċizjoni bħala soluzzjoni idonea għall-vertenza tagħha.*

*Rat l-affidavits tal-familjari tar-rikorrenti fosthom ir-raġel tagħha Nicholas Cascun (fol. 41) fejn jispjega li sa mis-sena 1970 huwa dejjem kien jaf lir-rikorrenti bl-isem ta' Lora. Jixhed ukoll kif martu tant idejjaqha li xi ħadd jgħajtilha bl-isem ta' Lorenza li lanqas iġġorr il-karta tal-identità magħha stante li taqra Lorenza sive Lora. Martu dejjem tinsisti li isimha huwa dak ta' Lora u li din is-sitwazzjoni qed tikissirha mentalment. Iżid li qed jinħoloq konfużjoni f'isem martu għaliex uħud mid-dipartimenti jirrikonoxxuha bħala Lora u oħrajn bħala Lorenza.*

*Rat ukoll l-affidavit tal-kollega tagħha Diane Debono (fol. 42) li tixhed li fuq il-post tax-xogħol kulħadd jaf lir-rikorrenti bħala Lora u dan għal numru twil ta' snin. L-istess tixhed kollega oħra tagħha Brigitte Vassallo a fol. 44 tal-proċess.*

*Oħt ir-rikorrenti Connie Borg fl-affidavit tagħha a fol 43 tgħid li hija trabbiet ma' oħtha u dejjem kienet tafha bl-isem ta' Lora u saret biss taf li kellha l-isem ta' Lorenza meta ħarġet il-karta tal-identità tar-rikorrenti li kienet turi l-isem ta' Lorenza. Tgħid ukoll:*

> *«Lora tinkwieta ħafna meta xi ħadd jgħajtilha Lorenza għaliex tgħidli ma tista' qatt tidenfitika ma' isem li qatt ma fforma parti mill-identità tagħha u li qatt ma ngħata importanza jew ġie rikonnoxut minn ommna jew missierna, u li ħadd ma jafha bih.»*

*A fol. 45 tal-proċess Vivienne Paris tixhed li hija ilha ħbieb mis-sena 1964 mar-rikorrenti. Issostni li hija dejjem taf lir-rikorrenti bl-isem ta' Lora u li kulhadd kien hekk isejħilha inkluż ħbieb u familjari. Iżżid li kieku tisma' lil xi ħadd jgħajjat lir-rikorrenti bħala Lorenza probabbilment lanqas tinduna li qed jirreferu għaliha.*

*Rat in-nota tar-rikorrenti li fuq talba tad-Direttur intimat esibit kopja ta' tliet kuntratti fejn fl-ewwel wieħed hija ma tirriżultax filwaqt li fit-tieni u t-tielet wieħed tas-snin 2008 u 2018 hija ġiet indikata bħala Lorenza sive Lora Cascun.*

*Rat il-kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ li seħħ fit-12 ta' Diċembru, 1976 fejn jidher li r-rikorrenti ġiet indikata bħala 'Lorenza known as Lora Zammit' (fol. 95) u taċ-ċertifikat tat-twelid ta' bin ir-rikorrenti fejn hija ġiet indikata bħala 'Lorenza-Lora' (fol. 96).*

*Ikkunsidrat ulterjoment:*

*Illi da parti tiegħu l-intimat fis-sottomissjonijiet tiegħu jibqa' jinsisti li jeżistu raġunijiet fil-liġi sabiex it-talba tar-rikorrenti tiġi miċħuda a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 Kodiċi Ċivili ta' Malta u dan stante li jsostni li l-isem Lora huwa sempliċi abbrevjazzjoni tal-isem Lorenza.*

*Illi l-Qorti wara li għarblet sew il-provi kollha fl-atti rat li r-rikorrenti qatt tul ħajjitha ma ntuża l-isem ta' Lorenza fil-konfront tagħha. Fil-fatt jirriżulta li għajr għall-indikazzjoni tal-isem 'Lorenza' fiċ-ċertifikat tat-twelid li rriżulta li tniżżel fuq insistenza tal-arċipriet li dak iż-żmien kien jinsisti fuq isem ta' xi qaddis, sa mit-twelid ir-rikorrenti dejjem ġiet riferuta bl-isem ta' Lora kemm mill-ġenituri tagħha, minn ħutha, minn familjari u ħbieb. Illi għalhekk huwa ċar li mhux minnu li l-isem Lora huwa riżultat ta' abbrevjazzjoni tal-isem Lorenza u dan għaliex li kieku kien hekk allura kien jirriżulta mill-provi li f'xi mumenti f'ħajjitha r-rikorrenti kienet tissejjaħ bl-isem ta' Lorenza u li f'xi mument ġie mibdul għal Lora. Il-Qorti rat li fil-fatt l-uniċi dokumenti fejn hija tniżżlet bħala Lorenza sive Lora kienu dokumenti li kienu oltre l-kontroll tal-istess*

*rikorrenti.*

*Illi din il-Qorti hija konvinta li r-rikorrenti dejjem użat l-isem Lora u qatt ma użat l-isem ta' Lorenza għalhekk qatt ma kien hemm xi mument fejn l-isem Lorenza ġie abbrevjat għal Lora kif qed jallega l-intimat. Illi fil-fatt jirriżulta mill-atti li l-isem Lora jista' jkun isem waħdu kif ukoll jista' jkun derivat minn diversi ismijiet oħra bħala eżempju l-isem Laura u mhux neċessarjament għandu jitqies bħala abbrevjazzjoni tal-isem Lorenza.*

*Illi fuq kollox din il-Qorti rat li din il-konfużjoni f'isem ir-rikorrenti, liema problema ġiet aċċennwata bid-diġitilazzjoni tas-sistemi tad-Dipartiment, hija sors kbir ta' dwejjaq u stress għar-rikorrenti u din il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tkun hi li telimina din il-konfużjoni b'dana li dan huwa fl-aħjar interess ta' kulħadd.*

*Illi l-Qorti ma tifhimx ir-raġuni għalfejn id-Direttur intimat jinsisti daqshekk sabiex jinżamm l-istatus quo li jservi biss bħala mezz ta' konfużjoni kbira anki ma' terzi filwaqt li jwassal għal dwejjaq kbar f'ħajjet ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' Lora u għalhekk kwalunkwe referenza għall-isem Lorenza għandha titneħħa kemm ai fini ta' nuqqas ta' konfużjoni ma' terzi u wkoll fl-aħjar interess tas-saħħa, anki mentali, tal-istess rikorrenti.*

*Għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti, filwaqt li tiddikjara li fil-każ odjern mhix qed tqis l-isem Lora bħala abbrevjazzjoni tal-isem Lorenza, ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. Stante li ma jirriżultax li dak li seħħ huwa riżultat ta' xi żball da parti tal-intimat l-ispejjeż għandhom jigu sopportati mir-rikorrenti stess.»*

6. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku appella minn din is-sentenza b'rikors tal-25 ta' Ottubru, 2023 u talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata. L-aggravji tiegħu huma dawn: (i) li s-sentenza appellata hija nulla għaliex l-Ewwel Qorti naqset milli tqis l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* li tqajmet minnu fl-ewwel eċċezzjoni tar-risposta maħlufa; (ii) li din il-kawża ma setgħetx issir mill-attriċi għaliex bejn il-partijiet ġa hemm ġudikat li jorbothom; u (iii) li f'kull każ, it-talbiet attriċi xorta waħda ma setgħux jintlaqgħu għaliex «*Lora*» hija biss verżjoni mqassra ta' «*Lorenza*» u skont il-*proviso* tal-**Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili** ma

tistax issir talba ġudizzjarja sabiex jiġi mqassar l-isem li hemm imniżżel fl-att tat-twelid.

7. L-attriċi wieġbet għal dan l-appell fil-5 ta' Marzu 2024 u tat ir-raġunijiet tagħha għala dan l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tibqa' kif inhi.

8. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Fl-<u>**ewwel aggravju**</u> tiegħu d-Direttur appellant isostni li l-Ewwel Qorti naqset kompletament milli tqis u tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tar-risposta maħlufa tiegħu dwar il-ġudikat maħluq bejn il-partijiet, bid-deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili mogħtija fil-25 ta' Marzu, 2021; deċiżjoni din, li ma ġietx appellata mill-attriċi skont l-**Artikolu 257(6) tal-Kodiċi Ċivili**.

10. Id-Direttur appellant jgħid li huwa ressaq provi dwar din l-eċċezzjoni tal-ġudikat għaliex ressaq kopja legali tal-atti li nżammu quddiem il-Qorti

ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili u għafas ħafna fuq is-siwi ta' din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Minkejja dan però, id-Direttur appellant jilmenta li għalkemm l-Ewwel Qorti qalet fil-parti dispożittiva tas-sentenza tagħha, li hija kienet qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tiegħu, b'danakollu l-istess Direttur jisħaq li hija ma qisitx din l-eċċezzjoni u l-unika darba fis-sentenza appellata fejn saret referenza għal din l-eċċezzjoni kienet biss f'dik il-parti tas-sentenza fejn ġiet riprodotta kelma b'kelma r-risposta maħlufa tiegħu.

11. Minħabba f'hekk, id-Direttur appellanti jrid li din il-Qorti tal-Appell tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din l-eċċezzjoni.

12. Din il-Qorti tibda billi tgħid li huwa dejjem meħtieġ li l-Qrati jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom (ara **Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**) u li kull dikjarazzjoni deċiżiva jew obbligatorja għandha tkun fid-dispożittiv tas-sentenza (ara **Artikolu 219 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

13. Il-ħtieġa li kull sentenza tal-Qrati tkun motivata, tirrifletti wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ġustizzja naturali, *viz*. li d-deċiżjoni jrid ikun fiha r-raġuni l-għala tkun ingħatat deċiżjoni u mhux oħra. Il-ħtieġa ta' motivazzjoni xierqa f'sentenza tqieset dejjem bħala element kostitutтiv

ewlieni biex jiddetermina s-siwi ta' sentenza, għaliex dan mhux biss isejjes il-parti dispożittiva tagħha, imma jfisser lill-partijiet kif u għaliex il-Qorti tkun waslet għal dik id-deċiżjoni (ara ***Joseph Sammut et v. Carmelo sive Charles Scerri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020).

14. Sentenza li ma tipproduċix l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fid-daħla tas-sentenza u li ma ssemmi xejn dwarhom fil-qalba tas-sentenza twassal għan-nullità ta' dik l-istess sentenza, minħabba li n-nuqqas ta' eżami ta' dawk l-eċċezzjonijiet iwassal mhux biss għal preġudizzju serju għall-konvenut skont l-**Artikolu 789(1)(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** iżda saħanistra anke għal nuqqas ta' smigħ xieraq għall-għanijiet tal-**Artikolu 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Paul Waldboth v. Nazzareno Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010).

15. Il-motivazzjoni f'sentenza però ma titlobx li l-Qorti toqgħod issemmi b'reqqa kull sottomissjoni jew kull prova li tkun tressqet quddiemha, iżda jkun biżżejjed li r-raġunament magħmul minn dik il-Qorti jwassal biex jorbtu ma' dak li jkun intalab u dak li jkun deċiż (ara ***Panta Marketing and Services Limited v. Direttur Ġenerali (Dwana)*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2021).

16. Sentenza mhijiex milquta min-nullità, jekk minn qari tagħha jkun jidher li l-Qorti tkun għamlet stħarriġ tal-kwistjonijiet rilevanti (ara ***Simon Bezzina et v. Le Beau Champs Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2019).

17. Ingħad f'dan is-sens, li sentenza li ma tkunx ċaħdet waħda waħda l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, xorta waħda hija meqjusa li tkun waħda motivata għall-għanijiet tal-liġi, jekk mill-ġabra tal-konsiderazzjonijiet u mill-parti dispożittiva tas-sentenza, ikun hemm tagħrif biżżejjed dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet (ara ***Il-Perit Joseph Paul Mallia et v. Francis Deguara et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008). Jinsab miżmum ukoll fil-ġurisprudenza li l-fehma tal-Qorti fuq talba jew eċċezzjoni partikolari tista' tkun waħda impliċita, sakemm din tkun tista' tinstilet mis-sens tas-sentenza (ara ***Olven Mangion nomine v. Andreas Gerdes*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

18. Fil-każ tagħna d-Direttur appellant qiegħed jgħid ħażin li l-Ewwel Qorti injorat l-eċċezzjoni tiegħu dwar il-ġudikat maħluq bid-deċiżjoni (mhux appellata) tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili. Lanqas ma huwa minnu dak imtenni mid-Direttur appellant li l-unika riferenza li saret għar-*res iudicata* kienet biss fid-daħla tas-sentenza appellata fejn ġiet riprodotta r-risposta maħlufa tiegħu.

19. Jidher li d-Direttur appellant, jew ma qarax is-sentenza kollha jew inkella ma qrahiex sew. Dan għaliex l-Ewwel Qorti ddedikat żewġ paragrafi sħaħ fis-sentenza tagħha b'rabta mad-deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili. Fihom ingħad hekk:

> *«Rat il-kopja tad-deċizjoni tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili datata 25 ta' Marzu, 2021 fejn ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrenti għaliex dik il-qorti qieset li l-isem Lora huwa biss verżjoni mqassra tal-isem Lorenza. Rat ukoll il-kopja tal-proċess tal-istess deċiżjoni li ġiet esibita a fol. 55 et seq tal-proċess.*
>
> *Rat li f'dik id-deċiżjoni ma ngħatat l-ebda motivazjoni oħra għad-deċiżjoni għajr ir-referenza li saret għall-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u bl-ebda mod ma saret xi referenza għall-provi dokumentarji li ressqet ir-rikorrenti daqslikieku dawn ma ġewx esebiti. In oltre ma jirriżultax mill-proċess li r-rikorrenti ngħatat l-opportunità li tixhed jew tirribatti għar-risposta tad-Direttur tant illi d-deċiżjoni ħarġet jumejn wara li ġiet intavolata r-risposta. Għalhekk il-Qorti tqis li anki kieku r-rikorrenti appellat dik id-deċiżjoni, fid-dawl li fi stadju ta' appell ma setgħetx tressaq provi ulterjuri ftit li xejn din il-Qorti tista' tqis l-appell minn dik id-deċiżjoni bħala soluzzjoni idonea għall-vertenza tagħha.»*

20. Tajjeb jew ħażin, l-Ewwel Qorti qalet li hi mhux ħa tqis din id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili għal tliet raġunijiet: (i) li din id-deċiżjoni ma ġietx motivata peress li l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili rreferiet biss għall-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku; (ii) li l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ma qisitx il-provi dokumentarji mressqa fl-atti; u (iii) li l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ma tatx l-opportunità lill-attriċi biex tikkontesta u tressaq provi kontra l-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku dwar it-tqassir tal-isem, tant li d-deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ngħatat jumejn biss wara li daħlet it-tweġiba tad-Direttur.

21. Dawn ir-raġunijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti jistgħu jkunu ħżiena jew mhux b'saħħithom biżżejjed biex ixejnu l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Dan narawh aktar 'il quddiem waqt l-istħarriġ tat-tieni aggravju.

22. Li huwa żgur però, li għall-għanijiet tal-ewwel aggravju, ma jistax jingħad illi s-sentenza mhijiex motivata jew li l-Ewwel Qorti ma tatx kas tal-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur apppellant.

23. L-ewwel aggravju tad-Direttur appellant għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

24. Fit-**<u>tieni aggravju</u>** tiegħu, id-Direttur appellant isostni li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu tal-ġudikat.

25. Huwa jgħid li b'rikors imressaq taħt l-**Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili**, l-attriċi kienet talbet lill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili sabiex dan ibiddlilha isimha minn fuq l-att tat-twelid tagħha billi minflok «*Lorenza*» jitniżżel «*Lora*». Il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili iżda kienet ċaħdet din it-talba b'deċiżjoni tal-25 ta' Marzu, 2021 għaliex qalet li skont l-**Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili** mhuwiex permess li wieħed jitlob korrezzjoni f'ismu li jikkonsisti biss fi tqassir tal-isem. Din id-deċiżjoni ma ġietx appellata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-**Artikolu 257(6) tal-Kodiċi**

**Ċivili**. Għalhekk id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jsostni li llum hemm ġudikat bejn il-partijiet dwar il-kwistjoni tal-bdil tal-isem tal-attriċi.

26. Għalkemm għar-raġunijiet kemxejn differenti minn dawk mogħtija mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni tal-ġudikat mhijiex waħda fejjieda.

27. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kemm l-eċċezzjoni tal-ġudikat imqajma fir-risposta maħlufa, kif ukoll dan l-aggravju marbut mal-imsemmija eċċezzjoni, x'aktarx ġew imressqa mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fuq interpretazzjoni ħażina jew inkompleta tiegħu tar-relazzjoni li hemm bejn l-**Artikolu 253** u l-**Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili**.

28. Jissokta jingħad li l-kriterju meħtieġ għall-interpretazzjoni ta' liġi li tkun qiegħda tiġi mitħaddta huwa dak, li l-liġi trid titqies bħala ħaġa waħda sħiħa u strutturata. Għalhekk, bħala prinċipju ġenerali, min jinterpreta l-liġi għandu jfittex it-tifsira tajba tagħha, wara li jqis kemm id-diversi partijiet ta' dak l-istess artikolu tal-liġi, kemm artikoli oħra li jinsabu fl-istess liġi, u kif ukoll, fejn meħtieġ, dak li jgħidu numru ta' liġijiet oħra meta moqrija flimkien (ara ***Raymond Cassar v. Montekristo Vineyards Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April, 2023 u ***Clover Holdings Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Marzu, 2008).

29. Sewwasew fil-każ tagħna, qari sħiħ u strutturat tal-**Artikoli 253** u **257 tal-Kodiċi Ċivili**, għandu jwassal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni mhux appellata tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ma tistax tikkostitwixxi ġudikat bejn il-partijiet.

30. Jibda billi jingħad li l-liġi donnha tagħmel distinzjoni bejn talba ġudizzjarja biex wieħed jikkoreġi xi att tal-istat ċivili tiegħu (**Artikolu 253(1) tal-Kodiċi Ċivili**) u azzjoni ġudizzjarja biex wieħed jirreġistra l-isem li huwa magħruf bih ma' kulħadd minflok l-isem li jidher fl-att tat-twelid tiegħu (**Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili**). Dawn iż-żewġ subinċiżi tal-**Artikolu 253** jaqraw hekk:

> *«253. (1) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi.*
>
> *(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv jew li huma mniżżla fir-Reġistru ta' Persuni Adottati bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:*
>
> *Iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.»*

31. Huwa sintomatiku li ladarba l-leġislatur ħass li kellu jirregola dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet taħt żewġ subinċiżi differenti, allura wieħed bilfors

irid jikkonkludi li dawn iż-żewġ azzjonijiet mhumiex l-istess. Ifisser għalhekk li azzjoni ġudizzjarja mibdija taħt l-**Artikolu 253(2)** biex wieħed ibiddel l-isem reġistrat fl-att tat-twelid tiegħu bl-isem li huwa juża u li jinsab magħruf bih man-nies, hija differenti mill-azzjoni ġudizzjarja taħt l-**Artikolu 253(1)** biex wieħed jikkoreġi att tal-istat ċivili tiegħu.

32. Id-differenza ewlenija bejn iż-żewġ azzjonijiet hija li fil-każ ta' azzjoni għall-korrezzjoni taħt l-**Artikolu 253(1)** hemm bżonn li wieħed juri li seħħ żball meta ġie reġistrat l-att tal-istat ċivili tal-individwu inkwistjoni (ara ***Marcus Marshall nomine v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2006), filwaqt li fil-każ ta' azzjoni għall-bdil tal-isem taħt l-**Artikolu 253(2)**, il-leġislatur ma riedx li jintwera li jkun sar żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jew li kien hemm xi nuqqas ta' ftehim bejn min mar jirreġistra t-twelid u min ikun niżżel it-tagħrif, iżda dak li jkun, irid juri biss għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-persuna kienet, għal ċertu tul ta' żmien, magħrufa b'mod konsistenti minn kulħadd bl-isem li qiegħed jintalab li jidħol minflok l-isem mogħti (ara ***Albert Gatt et v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 2001).

33. Illi kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Mariella Xerri v. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża fil-21 ta' Novembru, 2000, «*bi "żball" f'att ta' l-istat ċivili, il-liġi tagħna tifhem ħaġa aktar minn*

*sempliċi xewqa ta' bidla.*»

34. Il-ġurisprudenza tagħna hija miżgħuda b'ħafna sentenzi fejn ġew milqugħa talbiet għall-korrezzjonijiet ta' atti ċivili, bħal pereżempju: (i) fejn il-kunjom «*Axiaq*» ġie kkoreġut għal «*Axiak*» (ara ***Pierre Axiak et v. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ġunju, 2001); (ii) fejn il-kunjom «*Grixti*» ġie kkoreġut għal «*Griscti*» (ara ***Jason Paul Grixti v. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Ottubru, 2002); (iii) fejn punteġġatura ħażina ġiet imneħħija bejn l-ewwel u t-tieni isem tal-wild (ara ***Joseph Vella et v. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' April, 2001); (iv) fejn sar żball fil-jum tat-twelid tal-wild (ara ***Alfred Zammit v. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Settembru, 2001); (v) fejn sar żball fil-post tat-twelid tal-wild (ara ***Avukat Dr. Mario Caruana nomine v. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ġunju, 2006); (vi) fejn sar żball dwar jekk il-ġenituri kinux miżżewġin jew le (ara ***Khaled Yassine pro et noe v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju, 2008); u (vii) fejn kunjom ta' nisel barrani ġie miktub b'mod ħażin (ara ***L-Avukat Dr. Marlon Borg nomine v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023).

35. Hekk li ġiet imfissra d-differenza bejn talba ġudizzjarja biex wieħed jikkoreġi xi att tal-istat ċivili tiegħu u azzjoni ġudizzjarja biex wieħed jirreġistra l-isem li huwa magħruf bih ma' kulħadd minflok l-isem li jidher fl-att tat-twelid tiegħu, il-Qorti tista' tgħaddi biex tqis il-kompetenza li bil-liġi hija mogħnija lill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili.

36. Il-kompetenza tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, fejn għandu x'jaqsam ma' atti tal-istat ċivili, tinsab stabbilita fl-**Artikolu 257(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li jgħid hekk:

> *«257. (1) Minkejja dak kollu li hemm fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 253 sa 256, it-tnejn inklużi:*
>
> *(a) <u>il-korrezzjoni ta' reġistrazzjoni</u> li tkun rettifika ta' indikazzjoni żbaljata ta' xi waħda jew iżjed mill-ħwejjeġ imsemmijin, dwar kull att, fit-Taqsima III tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi, <u>tista' wkoll issir fuq ordni magħmul bil-miktub mill-Imħallef irtirat jew mill-Maġistrat irtirat jew mill-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili</u>; u*
>
> *(b) fejn ir-reġistrazzjoni ta' Att tat-Twelid ta' persuna tkun tista' tagħti lok għall-ħolqien ta' identità doppja jew nuqqas ta' ċarezza dwar l-identità ta' dik il-persuna peress illi dik il-persuna ma tkunx għadha reġistrata b'dak l-isem u, jew dak il-kunjom fl-atti u, jew dokumenti uffiċjali ta' pajjiż ieħor, l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili għandu jkollu s-setgħa, fuq rikors ta' dik il-persuna, li jordna li jsiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fuq l-Att tat-Twelid ta' dik il-persuna kif ukoll fuq kull att ieħor tal-istat ċivili li fih jidhru l-isem u, jew il-kunjom tal-imsemmija persuna sabiex l-imsemmi tibdil fl-isem u, jew il-kunjom ikun magħruf.»*

37. Il-paragrafu (a) ta' dan is-subinċiż jagħti s-setgħa lill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili sabiex tikkoreġi atti tal-istat ċivili li huma diġà reġistrati. Il-kliem «*il-korrezzjoni ta' reġistrazzjoni .... <u>tista' wkoll</u> issir fuq*

*ordni magħmul bil-miktub mill-Imħallef irtirat jew mill-Maġistrat irtirat jew mill-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili»* jagħtu lil din il-Qorti x'tifhem li azzjoni ġudizzjarja għall-korrezzjoni ta' atti ċivili tista' għalhekk issir kemm quddiem il-qrati ċivili skont l-**Artikolu 253(1) tal-Kodiċi Ċivili**, kif ukoll quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili skont l-**Artikolu 257(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili**.

38. Rajna però aktar kmieni, li azzjoni għall-korrezzjoni ta' att ċivili minħabba żball fl-att innifsu, mhijiex l-istess ħaġa bħall-azzjoni ta' persuna li trid tbiddel l-isem reġistrat fl-att tat-twelid tagħha, bl-isem li hija magħrufa b'mod konsistenti minn kulħadd. Kif tajjeb ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***George Camilleri v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża fit-28 ta' Frar, 1997:

> *«Hu immedjatament ovvju u dan għandu jkun paċifiku illi dik il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Notarili tista' biss tordna li jsiru korrezzjonijiet ta' reġistrazzjoni li tkun korrezzjoni ta' indikazzjoni żbaljata u li tal-indikazzjoni żbaljata trid tkun tirriżulta "on the face" taċ-ċertifikat meta dan ikun ġie reġistrat. Altrimenti ma jkunx korrett li wieħed jitkellem dwar il-korrezzjoni ta' żball.»*

39. Jiġi b'hekk, li l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili m'għandhiex setgħa taħt l-**Artikolu 257(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili** sabiex tibdel l-isem reġistrat fl-att tat-twelid minħabba li l-persuna tkun magħrufa b'isem ieħor fil-ħajja ta' kuljum tagħha. Dan għaliex is-setgħa tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili f'dan il-paragrafu hija limitata biss għall-korrezzjonijiet ta' atti ċivili meta jirriżulta li jkun seħħ żball fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-att

tat-twelid.

40. Hekk ukoll, l-**Artikolu 257(1)(b) tal-Kodiċi Ċivili** ma setax jagħti s-setgħa lill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili sabiex tistħarreġ it-talba tal-attriċi sabiex tbiddel l-isem li jinsab reġistrat fl-att tat-twelid tagħha. Dan għaliex it-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu jgħodd meta l-att tat-twelid ikun qed jintalab biex jiġi reġistrat f'Malta, ħaġa li m'għandnix fil-każ tal-lum għaliex l-att tat-twelid tal-attriċi ġa jinsab reġistrat f'Malta.

41. Ifisser għalhekk li strettament id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili tal-25 ta' Marzu 2021, li ċaħdet it-talba tal-attriċi sabiex tbiddel isimha minn «*Lorenza*» għal «*Lora*», ma tista' qatt torbot lill-qrati ċivili, ladarba ma jirriżultax li l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili għandha s-setgħa taħt l-**Artikolu 257(1) tal-Kodiċi Ċivili** li tqis talba bħal din.

42. Organu ġudizzjarju li m'għandux ġurisdizzjoni la jista' jilqa' u lanqas jiċħad it-talba għaliex biex jista' jieħu deċiżjoni bħal dik, huwa jrid ikollu ġurisdizzjoni biex jieħu qies tat-talba (ara ***George Vassallo v. Kummissarju tal-Pulizija*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998).

43. B'żieda ma' dan, il-Qorti qiegħda tqis ukoll li l-ġudikat irid joħroġ mid-dispożittiv ta' sentenza. Għalhekk, sakemm ma jkunx hemm

sentenza definittiva tal-Qorti fuq il-materja, din tibqa' meqjusa bħala mhux deċiża (ara ***Mario Galea et v. Tacsum Limited*** deċiża mill-Qorti tal Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-16 ta' Marzu, 2005). Tassew, fin-nuqqas ta' deċiżjoni li għandha l-effetti legali ta' sentenza definittiva, l-eċċezzjoni tar-*res iudicata* ma tistax tintlaqa' (ara ***Julian Borg et v. Joseph Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2017).

44. Sewwasew fil-każ tagħna mkien fl-**Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili** ma nsibu mniżżel li deċiżjoni ta' ċaħda għall-bdil f'atti ċivili mogħtija mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili għandha s-saħħa ta' ġudikat daqslikieku din ġiet mogħtija minn qorti ċivili. Lanqas ma hemm imniżżel fil-liġi, li min ikollu talba għall-bdil fl-atti ċivili tiegħu miċħuda mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ma jistax iressaq kawża quddiem il-qrati ċivili taħt l-**Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili**.

45. Huwa minnu li l-**Artikolu 257(6) tal-Kodiċi Ċivili** jitkellem dwar jedd ta' appell minn ordni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili. Fil-fatt dan l-artikolu tal-liġi jiddisponi hekk:

> *«257. (6) Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, kif ukoll kull persuna li jista' jkollha interess, jistgħu, fi żmien sitt (6) ijiem mill-pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż fil-Gazzetta, jappellaw minn dak l-**ordni** permezz ta' rikors quddiem il-Qorti tal-Appell.»*

46. B'danakollu però din il-Qorti qiegħda tifhem li dan il-jedd tal-appell jeżisti biss meta l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili tkun tat l-ordni bil-

miktub imsemmi fl-**Artikolu 257(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili**, li permezz tiegħu l-Imħallef jew Maġistrat irtirat ikun aċċetta l-korrezzjoni kif mitluba, u wara li dik l-ordni tkun ġiet imħabbra fuq il-Gazzetta skont l-**Artikolu 257(5) tal-Kodiċi Ċivili**. Kemm hu hekk il-jedd tal-appell mhuwiex mogħti lill-parti li tkun kisbet l-ordni tal-korrezzjoni; iżda dak il-jedd huwa mogħti lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lil kull persuna li jista' jkollha interess tikkontesta dik il-korrezzjoni. Il-pubblikazzjoni fil-gazzetta msemmija fl-**Artikolu 257(5) tal-Kodiċi Ċivili** hija appuntu meħtieġa sabiex min ma jkunx qed jaqbel ma' dik il-korrezzjoni, isir jaf b'dik il-korrezzjoni u b'hekk ikun jista' jikkontestaha quddiem il-Qorti tal-Appell.

47. Billi fil-każ tal-lum il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili ma ħareġ l-ebda ordni bil-miktub fejn awtorizza xi korrezzjoni taħt l-**Artikolu 257(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili**, allura ma seta' jsir l-ebda appell skont l-**Artikolu 257(6) tal-Kodiċi Ċivili**.

48. Jinżel b'hekk, li lil hemm mill-kwistjoni dwar jekk il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili kellhiex is-setgħa taħt l-**Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili** sabiex tiddeċiedi t-talba tal-attriċi sabiex tbiddel l-isem reġistrat tagħha, bl-isem li hija aktar magħruf bih; xorta waħda jibqa' l-fatt li kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili f'dan ir-rigward ma toħloq l-ebda xkiel biex il-qrati ċivili jistħarrġu t-talbiet attriċi, ladarba din id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili la għandha l-

karatteristiċi ta' sentenza finali mogħtija minn qorti ċivili u lanqas ma setgħet tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-**Artikolu 257(6) tal-Kodiċi Ċivili**.

49. It-tieni aggravju tad-Direttur appellant għalhekk qiegħed jiġi miċħud ukoll.

50. Jifdal biss li jiġi meqjus it-**<u>tielet aggravju</u>**, fejn id-Direttur appellant qiegħed isostni li l-bdil tal-isem tal-attriċi minn «*Lorenza»* għal «*Lora»* ma jistax isir għaliex skont il-*proviso* tal-**Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili** ma jistax isir bdil li jkun jikkonsisti biss fi tqassir tal-isem reġistrat.

51. Dan il-*proviso* tal-liġi jgħid li talba għall-bdil tal-isem, «*m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.»*

52. Interessanti ħafna, li sa minn qabel ma dan il-*proviso* ġie mdaħħal għall-ewwel darba fil-**Kodiċi Ċivili** tagħna b'riħet l-**Att XV tal-2012**, diġà kellna ġurisprudenza li kienet tgħid li persuna ma tistax tressaq talba biex tqassar l-isem li jkun hemm reġistrat fl-att tat-twelid tagħha (ara ***Nardu Balzan Imqareb v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 2004, fejn l-attur ressaq talba

għat-tibdil fl-isem minn «*Leonardo*» għal «*Nardu*»).

53. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza ***Stefania magħrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża fit-22 ta' Frar, 2013, qalet li l-*proviso* tal-**Artikolu 253(2) tal-Kodiċi Ċivili** naqqax fil-liġi dak li kien ġa stabbilit fil-ġurisprudenza. F'din l-istess sentenza ngħad li l-għan wara l-bdil tal-isem huwa biex dak li jkun ineħħi mill-imħuħ tan-nies kull possibbiltà ta' taħwid dwar l-identifikazzjoni ta' dik il-persuna. Sewwasew f'dak il-każ il-Qorti tal-Appell qieset li ma kien hemm l-ebda ħtieġa għalfejn l-isem «*Stefania*» jinbidel għal «*Steffi*» għaliex dawn ma kinux ismijiet differenti u ma kinux joħolqu taħwid f'moħħ dak li jkun, peress li min isejjaħ lill-attriċi bl-isem ta' «*Steffi*», jew anke «*Stef*», kien jaf li isimha proprju, x'aktarx ikun «*Stefania*».

54. F'sentenza oħra iktar riċenti, fl-ismijiet ***Anthony sive Tonio Depasquale v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku*** deċiża fl-4 ta' Diċembru, 2018, il-Qorti tal-Appell iżda sabet li l-isem «*Tonio*» mhuwiex it-taqsira tal-isem «*Anthony*», peress li jekk stess «*Tonio*» huwa taqsira tal-isem «*Antonio*» mhux «*Anthony*».

55. Issa fil-każ tagħna d-Direttur appellant qiegħed isostni fl-aggravju tiegħu li l-isem «*Lora*» huwa sempliċement taqsira tal-isem «*Lorenza*» għaliex «*Lora*» huwa «*Lorenza*» mingħajr l-ittri «*enz*».

56. Għalkemm din il-Qorti mhijiex qiegħda tippretendi li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kellu f'din il-kawża jippreżenta xi prova onomastika jew ta' onomatoloġija dwar l-istudju tal-etimoloġija, l-istorja u l-użu tal-ismijiet «*Lora*» u «*Lorenza*», madankollu hija kienet tistenna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jipprova l-allegazzjoni tiegħu permezz ta' dokument jew ta' xi xhud li jifhem fl-ismijiet, li l-isem «*Lora*» huwa tabilħaqq verżjoni mqassra tal-isem «*Lorenza*». Wara kollox skont l-**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah. Jiġi b'hekk, li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma jistax jinħeles mill-obbligu tiegħu li jipprova l-allegazzjoni tiegħu li «*Lora*» hija abbrevjazzjoni ta' «*Lorenza*», billi joqgħod biss fuq l-interpretazzjoni suġġettiva tiegħu li la bejn iż-żewġ ismijiet hemm nieqsa biss l-ittri «*enz*» allura ta' bilfors hemm abbrevjazzjoni.

57. Kif jgħid il-qawl Malti: mitt bniedem mitt fehma. Id-Direttur appellant għalhekk ma jistax jgħid li «*Lora*» hija verżjoni qasira ta' «*Lorenza*» għaliex hekk jidhirlu hu.

58. Għal dak li jiswa, din il-Qorti stess mhijiex daqstant konvinta bħad-Direttur appellant li l-isem «*Lora*» huwa taqsira tal-isem «*Lorenza*». Għad li x'aktarx dawn iż-żewġ ismijiet għandhom in-nisel tagħhom ġej mill-istess kelma Latina, «*Laurentum*», li tirreferi għas-siġar tar-rand (*laurel*

*trees*)[1], madankollu l-Qorti ma tqisx li llum «*Lora*» u «*Lorenza*» huma meqjusa bħala l-istess isem għalkemm fihom l-istess ittri. Tassew din il-Qorti tmil aktar lejn il-fehma li l-isem «*Lora*» illum il-ġurnata jista' jitqies bħala isem għalih innifsu għaliex ħafna persuni llum qegħdin jingħataw dan l-isem fit-twelid tagħhom.

59. Barra minn hekk, minn kif taraha din il-Qorti, l-isem «*Lora*» aktar jidher li huwa taqsira tal-ismijiet «*Loreta, Loretta jew Loredana*» milli ta' «*Lorenza*», li l-forom imqasra tiegħu iktar jidhru li huma «*Renza jew Enza.*»

60. Id-Direttur appellant għalhekk ma seħħlux jikkonvinċi lil din il-Qorti li huwa għandu raġun fl-eċċezzjoni tiegħu li «*Lora*» hija verżjoni qasira ta' «*Lorenza*».

61. Fl-aħħar nett biex ikun intqal kollox, din il-Qorti lanqas ma jidhrilha li d-Direttur appellant irnexxilu jipprova li ma kien hemm l-ebda ħtieġa għalfejn l-isem «*Lorenza*» jinbidel għal «*Lora*». Fl-atti tal-kawża m'hemmx provi li kull min isejjaħ lill-attriċi bl-isem ta' «*Lora*» jaf li isimha proprju, huwa «*Lorenza*»*.* Anzi mix-xhieda mhux meruta tal-attriċi jidher li din it-talba għall-bdil ta' isimha mhux qiegħda ssir fil-vojt jew b'kapriċċ iżda għaliex hija qed ikollha problemi ma' istituzzjonijiet finanzjarji dwar

[1] Ir-rand kien meqjus mir-Rumani bħala simbolu ta' rebħ, tant li r-rebbieħa ta' xi avveniment kienu jiġu mlibbsin b'kuruna tar-rand fuq rashom.

kif qiegħda tidentifika ruħha.

62. Anke dan l-aħħar aggravju tiegħu għalhekk qiegħed jiġi mwarrab.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti **tiċħad** l-appell imressaq mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u għalkemm għar-raġunijiet ftit differenti, qiegħda tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm